**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 581/02 AE**

**Alfa Co Ltd**

**Vs**

**Ria Investments Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hames liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm105.71), rapprezentanti servizz ta' servicing ta' air conditioner li sar mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 11) u li permezz taghha kkontestat it-talba tas-socjeta attrici peress li s-servizzi rezi ma sarux skond is-sengha u l-arti, tant li l-problem li kellu l-air conditioning unit li fuqu suppost saru dawn is-servizzi gew rimedjati biss wara l-intervent tas-socjeta Aplan Limited.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' mija u hames liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm105.71) ghal xoghol ta' *servicing* li sar fuq *airconditioner* f'perjodu ta' kwazi tlett xhur (fol. 3).

2. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta (Adrian Balzan) ikkonferma li l-*airconditioner* kien jahdem, izda wara certu hin kien jintefa' wahdu u ma jahdimx. Minn din ix-xhieda, li ma

gietx kontradetta, jirrizulta li din il-problema baqghet tippersisti sakemm saret it-tiswija minn kumpannija ohra [15 ta' Marzu 2001]. Ta' interess huwa l-fatt li t-tiswija saret mill-istess *technician* li mar fit-tlett okkazzjonijiet precedenti (igifieri fit-22/6/2002, 6/7/2002; u 15/9/2002).

3. Mill-provi jirrizulta li x-xoghol li sar mis-socjeta attrici ma serva ghal xejn. Il-problema baqghet l-istess.

4. F'materja ta' appalt, (ara **Mallia vs Fonk** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1975; **Bugeja vs Gauci** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April, 1980, u **Mallia vs Magri** deciza fis-7 ta' Mejju, 1981, il-Qrati ppronunzjaw ruhhom skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz. Kien hemm kazijiet fejn gie ordnat il-hlas meta kien hemm difett parzjali mhux sostanzjali fix-xoghol, izda awtorizzaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra, fejn ix-xoghol gie ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma

kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohra, l-Qorti ordnat li titnaqqas, mis-somma li tigi mhallsa, s-somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difett fix-xoghol.

5. Huwa maghruf li l-appaltatur huwa obbligat u hu dejjem responsabbli sabiex jaghti lill-appaltant bicca xoghol sodisfacenti. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li s-socjeta attrici qdiet dmirijitha kif suppost. Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta attrici naqset mid-dover principali taghha li tezegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha u l-*airconditioner* baqa' ma jahdimx. Ma rrizultax li x-xoghol li sar fuq l-*aircodnitioner* fit-tlett okkazzjonijiet serva biex issewwa d-difett. L-obbligu tas-socjeta attrici kien li tinvestiga l-ilment u tipprovdi rimedju sodisfacenti. Pero' dan zgur mhux billi tadotta sistema ta' *"trial and error"* kif jidher li sar fil-kaz odjern. Zgur li m'huwiex accettabbli li jintalab hlas ta' mija u hames liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm105.71), u l-*aircoditioner* jibqa' ma jahdimx minhabba l-istess ilment.

6. Irid jissemma wkoll li fl-ghoti tad-decizjoni t-Tribunal strieh fuq dak li xehed ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, li xehed b'mod konsistenti u cjar. Min-naha l-ohra *t-technician* tas-socjeta attrici (Alan Magro), minhabba wkoll il-kwantita ta' *airconditioners* li jara u jsewwi, ma ftakarx dettalji. Lanqas ma pprova jispjega jew b'xi mod jiggustifika r-raguni li fi zmien hekk qasir ma xejn inqas minn tlett darbiet biex isewwi l-airconditioner, u l-hsara baqghet ma ssewwitx. Fis-*Service Call Report* (Dok. A u B) li gie pprezentat mis-socjeta attrici lanqas m'hemm kumment f'dik il-parti rizervata ghal *"Service Engineer's Report"*. Li jirrizulta minn dawn id-dokumenti u mid-dokument RIA1 (fol. 12) huwa li l-ilment kien wiehed u baqa' l-istess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad it-talba tas-socjeta attrici, jilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra s-socjeta attrici.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**